MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta’ Settembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 52/2017 LM

**Raymond Cutajar**
*(l-appellant)*

***vs.***

**L-Awtorità għat-Trasport f’Malta**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Raymond Cutajar** (minn issa ’l quddiem “l-appellant”), mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva (minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”) fit-30 ta’ Mejju, 2019

(minn issa ’l quddiem “id-deċiżjoni appellata”), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi:

> *“... filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni stante li din ġiet irtirata mill-Awtorità intimata, jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa’ r-rimanenti eċċezzjonijiet.*
>
> *Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.”*

## Fatti

2. Permezz tad-deċiżjoni appellata t-Tribunal ċaħad l-appell imressaq mir-rikorrent, wara li fil-15 ta’ Settembru, 2017 ir-rikorrent ġie mgħarraf mill-intimata l-**Awtorità għat-Trasport f’Malta**, hawnhekk “l-appellata”, li l-operat tiegħu bħala *tester* kien qiegħed jiġi mwaqqaf, li kien qiegħed jiġi ppenalizzat fil-kapaċità tiegħu ta’ *tester* u ta’ operatur, kif ukoll li kien qiegħed jiġi mwaħħal multa amministrattiva ta’ ħdax-il elf, tliet mija u ħamsa u tmenin Euro (€11,385) għan-nuqqasijiet tiegħu. Din id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata ttieħdet wara li kienet saret spezzjoni fil-*VRT Testing Station* tar-rikorrent minn uffiċjali tal-Awtorità intimata, u kien instab li kien hemm vettura li mhux suppost li għaddiet mit-test tal-VRT minħabba żbilanċ fil-brejkijiet, kif ukoll li r-rikorrent kien qiegħed jagħmel it-testijiet tal-VRT mingħajr assistenza bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi, u barra minn hekk kien qiegħed jonqos milli jżomm il-*VRT station* nadifa u ordnata.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem it-Tribunal wara li ġie nnotifikat mill-Awtorità intimata li huwa kien qiegħed jitwaqqaf mill-operat tiegħu bħala *tester,* kif ukoll li kien weħel penali kemm bħala *tester* kif ukoll bħala operatur, u li kellu jħallas multa amministrattiva għan-nuqqasijiet tiegħu fl-ammont ta' ħdax-il elf, tliet mija u ħamsa u tmenin Euro (€11,385). Jirriżulta li uffiċjali tal-Awtorità intimata kienu għamlu spezzjoni għal għarrieda fil-*VRT station* li r-rikorrent jiġġestixxi f'San Ġwann, fejn ilu jaħdem bħala *tester* tal-VRT u mekkanik għal ħamsa u erbgħin (45) sena, u hemmhekk sabu li vettura li kienet għadha kemm ħarġet mit-test mill-garaxx tar-rikorrent, tal-għamla Renault Megane bin-numru ta' reġistrazzjoni SIX 376, kellha żbilanċ fil-brejkijiet minkejja li r-rikorrent kien ħareġ ċertifikat li jgħid '*passed test*'. Meta sar ir-*retest* fil-preżenza ta' uffiċjali tal-Awtorità intimata, ġie stabbilit li din il-vettura kellha żbilanċ ta' aktar minn ħmistax-il punt perċentwali (15%) mill-ewwel test li kien sar fuqha ftit tal-minuti qabel. Barra minn hekk l-ewwel test fuq din il-vettura sar mingħajr ma kien hemm preżenti *assistant tester* sabiex jassisti lir-rikorrent. L-uffiċjali tal-Awtorità sabu wkoll li fil-garaxx tar-rikorrent kien hemm diversi oġġetti, fosthom *washing machine* mitfugħa mal-ġenb tal-garaxx u diversi oġġetti oħra li setgħu jkunu ta' periklu għar-rikorrent u għall-klijenti tiegħu. Kien abbażi ta' dawn it-tliet nuqqasijiet, li l-Awtorità intimata ddeċidiet li tippenalizza lir-rikorrent u twaqqaflu l-operat tiegħu bħala *tester.* Fir-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent saħaq li mhux minnu li huwa

għamel test fuq il-vettura SIX 376 u ħareġ *'passed test'* meta t-test kien falla minħabba *incorrect brake imbalance.* Qal ukoll li l-perċentwali tal-*imbalance* fuq l-*iscreen shots* huma żbaljati minħabba problemi fis-*software,* u mhux minnu li l-garaxx tiegħu jinżamm fi stat ta' abbandun b'diversi oġġetti mitluqin jew li l-garaxx jitħalla fi stat '*derelict*' kif ġie deskritt mill-Awtorità intimata fl-ittra li ntbagħtet lilu. Ir-rikorrent qal ukoll li dakinhar li saret l-ispezzjoni fil-garaxx tiegħu, inzerta li l-*assistant tester* kien bil-*leave,* u għalhekk ma kellux assistenza fix-xogħol tiegħu.

4. Fir-risposta tagħha quddiem it-Tribunal, l-Awtorità intimata eċċepiet li d-deċiżjoni meħuda minnha kienet waħda ġusta, korretta u skont il-liġi, u l-punti penali ġew imposti fuq ir-rikorrent meta dan ħareġ '*passed test result*', meta kellu joħroġ ċertifikat li jgħid '*failed test result*', peress li meta sar ir-*retest* fuq l-istess vettura fil-preżenza ta' uffiċjal tal-Awtorità, instab li kien hemm diskrepanza ta' ħmistax fil-mija (15%) bejn l-ewwel u t-tieni test li saru fi spazju ta' ftit minuti minn xulxin. L-Awtorità intimata kkonfermat li kien ġie stabbilit minnha li s-*software* użat mir-rikorrent kien qiegħed jaħdem sew, għalkemm żiedet tgħid li r-rikorrent instab li kien qiegħed jaħdem mingħajr l-assistenza ta' *assistant tester* u fil-garaxx dan kien qiegħed iħalli diversi oġġetti mitluqin. Quddiem it-Tribunal ġew ippreżentati sensiela ta' ritratti li juru l-garaxx inkwistjoni kif kien jinżamm mir-rikorrent, kif ukoll kopja tal-ittra mibgħuta lir-rikorrent mill-Awtorità intimata fil-15 ta' Settembru, 2017, li permezz tagħha dan ġie mgħarraf bin-nuqqasijiet li ġew innutati waqt il-'*covert*

*inspection*' li saret fil-garaxx tiegħu fil-31 ta' Lulju, 2017[1], kif ukoll bid-dispożizzjonijiet tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma tajba għat-Triq) li ma ġewx osservati minnu, kemm bħala *tester* kif ukoll bħala operatur.

Fid-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent qal li huwa jiġġestixxi *VRT station* fejn jaħdem ukoll bħala mekkanik, u qal li jum fost l-oħrajn saritlu spezzjoni minn wieħed mill-uffiċjali tal-Awtorità intimata, ċertu George Farrugia, li talbu jerġa' jagħmel test mill-ġdid fuq vettura li kien għadu kif għamlilha t-test tal-VRT u nħarġet mill-garaxx tar-rikorrent. Ir-rikorrent spjega li bejn l-ewwel u t-tieni test li għamel fuq l-istess vettura fi spazju ta' ftit minuti, ġiet innutata diskrepanza ta' ħmistax fil-mija (15%) fil-kalkolu tal-*brake imbalance,* u wara li għamel xi verifiki mal-*mother company* li ssuplixxiet is-*software* li jaħdem bih fil-garaxx, huwa ġie infurmat li s-sistema tiegħu kellha tiġi aġġornata. Ir-rikorrent qal li dakinhar li saret l-ispezzjoni huwa kellu xi affarijiet fil-garaxx li kellhom jinġabru mill-*iscrap dealer* għar-rimi, u qal li dawn l-oġġetti ma kinux fit-*test lane* jew b'xi mod kienu ta' ostakolu jew ifixklu s-sigurtà tal-klijenti tiegħu. Ir-rikorrent ikkonferma li dakinhar li saret l-ispezzjoni fil-garaxx tiegħu, huwa kien qiegħed jaħdem mingħajr *assistant tester* minħabba li l-persuna li soltu tassistih fuq ix-xogħol dakinhar kienet bil-*leave.* F'depożizzjoni oħra li ta r-rikorrent quddiem it-Tribunal, dan qal li mhux l-

[1] Dawn in-nuqqasijiet kienu jikkonsistu filli "*vehicle bearing registration number SIX-376 was issued with a 'Pass Test' result but upon being retested immediately after exiting your VRT station it resulted that the said vehicle should not have been issued with a 'Pass Test' result due to incorrect brake imbalance*"; "*VRT test carried out without an Assistant Tester in breach of the law*"; u "*VRT station was in a derelict state and littered with spare parts.*"

ewwel darba li saritlu spezzjoni għal għarrieda fil-garaxx fejn jaħdem, u qatt qabel ma nstab xejn ħażin fl-operat tiegħu.

It-Tribunal sema' wkoll ix-xhieda ta' wħud mill-uffiċjali tal-Awtorità intimata, fosthom dik ta' **Joseph Mifsud**, *technical manager* mal-istess Awtorità, li xehed li minkejja s-snin ta' esperjenza fix-xogħol li għandu r-rikorrent, dan ma jistax jippretendi li jistabbilixxi xi problemi jkollhom il-vetturi fuq dak li jara b'għajnejh, u qal li t-testijiet li għandhom isiru jridu jsiru bil-makkinarju approvat u mhux permezz ta' kalkolu matematiku, kif irriżulta li kien qiegħed jaħdem ir-rikorrent. Ix-xhud żied jispjega li minkejja li huwa ammess li xi riżultati jinkisbu permezz ta' kalkoli matematiċi, dawn il-kalkoli għandhom isiru biss fejn il-makkinarju ma jkunx qiegħed jiffunzjona sew, jew fejn il-vetturi li jkunu qegħdin jiġu ttestjati ma jkunux jistgħu jiġu ttestjati bil-makkinarju approvat, bħalma huma pereżempju l-*quad bikes*. Qal li f'dan il-każ it-test sar fuq l-*imbalance* tal-brejkijiet, jiġifieri kemm il-vettura tiddevja lejn ix-xellug jew lejn il-lemin waqt il-*braking,* u qal li fid-dokumenti pprovduti mir-rikorrent ma jirriżulta l-ebda riżultat tal-*brake efficiency* tal-vetturi ttestjati minnu, kif ukoll li wieħed mill-fatturi biex jiġi kkalkolat is-*surface brake imbalance* huwa l-valur mogħti lill-piż tal-vettura. Ix-xhud spjega li r-rikorrent ma kien qiegħed jagħmel ebda kalkolu tal-piż tal-vetturi, tant hu hekk li l-ispazju li għandu jimtela bil-kalkolu tal-piż, jitħalla vojt mir-rikorrent, u għalhekk ir-riżultati tiegħu ma kinux preċiżi. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li r-rikorrent kien diġà weħel multa darba oħra għax ma kellux *assistant tester* miegħu, u spjega li minkejja li f'pajjiżi oħra huwa permess li jintuża apparat jew sid il-vettura stess minflok

*assistant tester,* il-liġi f'Malta tesiġi li sabiex isiru t-testijiet tal-VRT irid ikun hemm *assistant tester* preżenti.

It-Tribunal sema' wkoll ix-xhieda ta' **George Farrugia**, *principal technical officer* mal-Awtorità intimata, li xehed li huwa kien ra l-vettura tal-għamla Renault Megan ħierġa mill-garaxx tar-rikorrent, u talab li din terġa' tiddaħħal fil-garaxx sabiex terġa' tiġi ttestjata. Ix-xhud qal li meta talab ir-riżultati tat-test sabiex jeżaminahom, sab li din il-vettura kellha '*pass test*', iżda meta sar it-test mill-ġdid, din m'għaddietx. Anki dan ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent kien qiegħed jaħdem mingħajr assistenza, u li fit-*test lane* kellu diversi affarijiet li setgħu joħolqu periklu. Ix-xhud qal li meta r-rikorrent induna li l-apparat li kien qiegħed jaħdem bih ma kienx qiegħed jiffunzjona sew, huwa kellu l-obbligu jagħmel rapport u mhux jibqa' jaħdem abbażi ta' komputazzjoni matematika.

Ix-xhud **Joseph Mifsud** qal li t-*tester* għandu r-responsabilità li jassigura li l-informazzjoni li jibgħat lill-Awtorità intimata tkun korretta u li tkun tirrifletti r-riżultati realment miksuba mill-vettura li tkun qiegħda tiġi ttestjata. Dan ix-xhud qal li f'dan il-każ il-problema kienet li l-apparat li kien qiegħed jintuża mir-rikorrent ma kienx qiegħed jiffunzjona sew, u kien għalhekk li dan kien qiegħed jaħdem permezz ta' kalkolu matematiku.

## Is-Sentenza Appellata

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2019, it-Tribunal, filwaqt li astjena milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni peress li din ġiet irtirata

mill-Awtorità intimata, ċaħad l-appell tar-rikorrent u laqa' r-rimanenti eċċezzjonijiet, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kontenuta f'ittra datata 15 ta' Settembru 2017 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi kien qiegħed jiġi sospiż l-operat tiegħu qua* tester *u wkoll li kienu qegħdin jiġu imposti punti ta' penalità kemm bħala* tester *u kemm bħala operatur u ġiet imposta wkoll multa ta' ħdax-il elf, tliet mija u ħamsa u tmenin euro (€11,385) bħala multa amministrattiva għan-nuqqasijiet tiegħu qua operatur.*

*Illi skont l-istess ittra l-infrazzjonijiet riskontrati kienu s-segwenti u ċioe:*

1. *Vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SIX 376 għaddiet mill-VRT test meta din kellha żbilanċ fil-brejkijiet;*
2. *Għamel it-test tal-istess vettura mingħajr l-għajnuna ta' assistant tester; u*
3. *Il-VRT station ma kinitx miżmuma nadifa kif suppost.*

*In suċċint* ***ir-rikorrent*** *xehed illi huwa għandu VRT station u huwa mekkanik ukoll b'esperjenza ta' ħamsa u erbgħin sena. Jispjega li fil-31 ta' Lulju 2017 huwa għamel VRT test fuq il-vettura in kwistjoni u ħarġilha Pass certificate. Jispjega li ftit wara din il-vettura reġgħet daħlet fil-garaxx fuq ordni ta' George Farrugia, uffiċjal tal-Awtorità intimata, u ordnalu jagħmel test ieħor. Fl-istess ħin Farrugia staqsieh fejn kien l-assistant tester u r-rikorrent staqsieh jekk riedx li t-test isir xorta mingħajr assistant tester u Farrugia wieġbu li iva. Jgħid li meta ħareġ ir-riżultat tat-tieni test ħarġet differenza fl-iżbilanċ tal-brejkijiet ta' 45% meta din mhux suppost tkun iktar minn 30%. Ix-xhud jispjega illi għalkemm l-iżbilanċ ġie ogħla milli suppost b'sempliċi kalkolazzjoni seta' joħroġ ir-riżultat finali li kien jidħol fil-limitu. Huwa jispjega li fir-rigward tal-affarijiet li kien hemm fil-garaxx dawn ma kinux qed ifixklu bl-ebda mod it-testijiet u lanqas joħolqu xi perikolu għall-klijenti.*

*In kontro-eżami r-rikorrent stqarr illi l-magna installata fil-garaxx tiegħu kull ma kienet qed tagħmel ħażin kienet l-interpretazzjoni tal-imbalance. Jispjega li fil-fatt meta f'Ottubru ta' qabel l-ispezzjoni in kwistjoni kienet saret il-*calibration *huwa kien ġibed l-attenzjoni tat-tekniku però s-sistema baqgħet kif kienet. Jispjega wkoll illi fix-xhur preċedenti għall-ispezzjoni in kwistjoni kienu sarulu diversi spezzjonijiet fejn*

*qatt ma nġibditlu l-attenzjoni għall-kwistjoni tal-*imbalance*. Jispjega li l-interpretazzjoni żbaljata kienet fis-*summarized report *tal-VRT mentri d-*detailed report *kien tajjeb.*

***David Gatt**, rappreżentant tal-AREX Test Systems ġewwa Malta, liema kumpannija tissuplixxi s-sistema ta' VRT installata fil-garaxx tar-rikorrent, jispjega li r-rikorrent kien infurmah illi ried kjarifika fuq is-sistema tal-brejkijiet. Għalhekk mar fil-garaxx in kwistjoni, għamillu* full calibration *tas-sistema tal-brejkijiet u ħariġlu ċertifikat. Jispjega li s-sistema kienet qiegħda taħdem tajjeb kemm qabel u kemm wara l-*calibration*. Jispjega li l-kwistjoni kienet li s-*summary *tar-riżultat tal-VRT kienet qed tagħti* average *aktar għoli milli suppost. Dan ifisser illi vettura fis-*summary *tista' tidher li kienet viċin li ma tgħaddix mentri fil-verità l-vettura kienet tgħaddi mit-test. Għalhekk huwa bagħat email lill-manifattur u ħareġ* update *tas-sistema biex it-test ikun aktar ċar.*

***Joseph Mifsud**,* technical manager *mal-Awtorità intimata, xehed illi r-rikorrent għamel kalkolazzjoni tal-iżbilanċ tal-brejkijiet u ċioé kemm karozza tiddevja lejn ix-xellug jew lejn il-lemin waqt li jkun qiegħed jiġi applikat il-brejk. Jispjega wkoll li f'VRT irid isir ukoll it-test tal-*brake efficiency *li għalih hemm bżonn li jiġi kkalkulat il-piż tal-vettura. Jispjega li fil-każ odjern il-piż tal-vettura ma ġiex ikkalkulat mill-apparat installat fil-garaxx tar-rikorrent u għalhekk ma ħariġx riżultat tas-*service brake efficiency *u tal-*parking brake efficiency *kif muri fuq Dokument JM1 u Dokument JM2 a fol. 76 u 77 tal-proċess. Għalhekk saħaq li mingħajr dan ir-riżultat ir-rikorrent ma setax joħroġ ċertifikat ta'* Pass*. Jispjega li f'każ li ma jkunx jista' jinħareġ qari mis-sistema, bħal pereżempju fil-każ ta'* quad bike*, huwa permissibbli li r-riżultat jinħadem manwalment. Però r-regola għandha tkun li t-test isir mis-sistema u mhux fuq kalkolazzjoni tat-*tester*. Fir-rigward tal-kwistjoni li r-rikorrenti ġie penalizzat għaliex ma kellux* assistant tester *ix-xhud spjega li l-liġi f'Malta hija li biex isir test irid ikun hemm* assistant tester *flimkien mat-*tester*. Jgħid li għalkemm in-nuqqas ta'* assistant tester *tista' tkun prassi aċċettata f'xi pajjiżi barranin, sa issa f'Malta mhix aċċettata.*

*In kontro-eżami x-xhud stqarr illi jekk is-sistema ma tirreġistrax il-piż tal-vettura, allura l-effiċjenza tal-brejk ma tkunx tista' tiġi kkalkulata. Jispjega li biex l-Awtorità intimata toħroġ liċenzja lil operatur ta'* VRT *station irid ikollu l-apparat kalibrat u approvat minnha. Jisħaq li kull riżultat għandu joħroġ* by default *mill-apparat u mhux mill-kalkolazzjonijiet li talvolta jista' jagħmel ir-rikorrenti. Huwa jiċċara li*

*huwa qatt ma qal li r-rikorrent kien ta xi riżultat ħażin. Li qiegħed jisħaq fuqha huwa li l-apparat mhux qed jaħdem sew.*

***George Farrugia,*** principal technical officer *mal-Awtorità intimata, xehed illi kien qiegħed jagħmel spezzjoni normali fil-*VRT stations *meta ra karozza ħierġa mill-*VRT station *tar-rikorrent u reġa' daħħalha lura għal* retest*. Jispjega li għalkemm din il-vettura kien inħarġilha* Pass*, fir-*retest *m'għaddietx mit-test tal-brejkijiet. Jispjega li r-rikorrent spjegalu kif jaħdem ir-riżultat però hu qallu li ma jistax ibagħbas ir-riżultat u li jekk jinduna li għandu xi apparat bil-ħsara irid jieqaf mill-ewwel. Jispjega wkoll illi r-rikorrent ma kienx qiegħed jiġi mgħejjun minn* assistant tester*. Ix-xhud innota wkoll illi fil-garaxx kien hemm xi oġġetti li kienu ta' perikolu peress li kienu viċin ħafna t-*test lane*. Jispjega li xi xahar u nofs qabel din l-ispezzjoni kien kellem lir-rikorrent u avżah biex ma jkomplix jimla l-garaxx bl-affarijiet.*

*In kontro-eżami x-xhud spjega illi meta l-vettura in kwistjoni ġiet ittestjata fil-preżenza tiegħu din ma għaddietx mit-test. Mistoqsi jekk il-VRT jistax isir mingħajr il-piż attwali tal-vettura wieġeb li ma jistax.*

***Ikkunsidra:***

*Illi d-deċiżjoni appellata għandha prinċipalment tliet (3) infrazzjonijiet, u ċioe:-*

*(1) Il-kwistjoni tar-riżultat tal-brejkijiet;*
*(2) Il-kwistjoni tal-imbarazz u perikolu li l-Awtorità allegat li kien hemm fil-garaxx fejn kienu qegħdin isiru t-testijiet tal-VRT;*
*(3) Li ma kellux assistenti miegħu waqt it-testijiet tal-VRT.*

*Illi t-Tribunal ħa jgħaddi biex jeżamina* ***l-ewwel kwistjoni*** *dwar it-test tal-brejkijiet fir-rigward tal-vettura tat-tip Renault bin-numru ta' reġistrazzjoni SIX-376. Jirriżulta illi din il-vettura kien għadu kif sarilha test mir-rikorrent u għaddiet minnu (Dokument A1 a fol. 3). Malli ħarġet fit-triq l-ispetturi tal-Awtorità intimata reġgħu daħħluha għal* retest *fejn ma għaddietx mill-*brake imbalance test *li ma jridx jissupera l-valur ta' 30% (Dokument A2 a fol. 5). Illi t-testijiet kompleti jinsabu esebiti bħala Dokument JM1 (a fol . 76 li huwa t-test oriġinali) u Dokument JM2 (a fol. 77 li huwa r-retest).*

*Illi minn Dokument JM1 u JM2 t-Tribunal jinnota illi fejn suppost jiddaħħal il-piż tal-vettura li jkun qiegħed isirilha t-test, dan tħalla vojt. Ir-rikorrent min-naħa tiegħu ta spjegazzjoni sħiħa li għalkemm dan tħalla vojt xorta waħda, bil-kalkolazzjonijiet*

*tiegħu, jista' jintlaħaq riżultat. Fil-fatt huwa elabora dwar dawn il-kalkolazzjonijiet li għamel u li skont hu jagħtuk riżultat kif suppost. Min-naħa l-oħra Joseph Mifsud esebixxa estratt mill-*MOT Inspection Manual *li jgħid li, "*for the majority of vehicles, the MOT testing service will calculate brake imbalance automatically. However, where this is not the case, such as for tricycles and quadricycles, **or if MTS is not working**[2]**!,** brake imbalance is calculated against the maximum brake efforts on each axle as follows:

**Higher brake effort – Lower brake effort / Higher brake effort x 100 = % imbalance"**

*Fir-rigward tal-*brake efficiency *l-imsemmi manwal jgħid is-segwenti:*

*"*For the majority of vehicles, the MOT testing service will calculate brake efficiencies automatically.

**If MTS is not working**[3], add the brake efforts from each wheel for the system under test and carry out the following calculation:

% Efficiency = **Total brake effort / Vehicle test weight x 100**

*Illi għalhekk filwaqt li dan it-test, kif qal ir-rikorrent, jista' jsir b'kalkolazzjonijiet matematiċi, it-Tribunal jinnota illi dan huwa indikat biss f'każijiet fejn ma jkunx qiegħed jaħdem l-apparat. Dan ifisser li din hija l-eċċezzjoni u mhux in-norma. In-norma hu li t-test isir bl-apparat u mhux bil-kalkolazzjonijiet tat-*tester*. Illi f'dan il-każ ġie stabbilit illi l-magna tal-VRT kellha problema biex toħroġ riżultat tal-*brake efficiency *u tal-*brake imbalance*. Din il-problema kienet ilha teżisti diversi xhur tant li r-rikorrent kien kellem lit-tekniku fuqha però qatt ma ngħata xi forma ta' soluzzjoni. Minkejja dan ir-rikorrent baqa' xorta jagħmel it-testijiet tal-VRT u jagħmel il-kalkolazzjonijiet.*

*Illi t-Tribunal iħoss li r-rikorrent kien qiegħed jonqos fil-proċess tal-ittestjar tal-vetturi. Ladarba hemm sistema u din mhux qed taħdem, ma setax jinjora d-difett u jibqa' jagħmel il-kalkolazzjonijiet, anke jekk dawn, għall-grazzja tal-argument jista' jkunu tajbin, u dan għaliex se jirriżultaw diskrepanzi kif fil-fatt irriżultaw fil-każ odjern. Dan qiegħed jingħad għaliex fit-test il-vettura in kwistjoni, bl-interpretazzjoni mogħtija mir-rikorrent għaddiet mill-*brake imbalance *filwaqt li fir-*retest, *bil-*

[2] Enfasi tat-Tribunal.
[3] Enfasi tat-Tribunal.

*kalkolazzjonijiet għal darb'oħra tar-rikorrent, m'għaddietx. Illi t-Tribunal wara li eżamina ż-żewġ testijiet li saru u li jinsabu esebiti a fol. 76 u 77 ma jistax jaċċetta illi fis-*summarized report *jitħallew valuri murija bħala N/A. Ir-riżultat ta' kull item tat-test irid ikun FAIL jew PASS. Għalhekk, anke jekk għall-grazzja tal-argument, ir-rikorrent qiegħed jagħmel kalkolazzjonijiet tajbin, sakemm ma tavverax ruħha xi waħda miċ-ċirkostanzi msemmija aktar 'il fuq, it-test irid isir bl-apparat u mhux bil-kalkolazzjonijiet. Din il-kwestjoni kollha jirriżulta li kienet biss kwestjoni ta'* upgrade *(ara Dokument B3 a fol. 43) u fil-fatt f'email mibgħuta fit-22 ta' Settembru 2017 minn Taco Guijt, uffiċjal ta' Arex Test Systems B.V., lil David Gatt u lir-rikorrent, ġie spjegat is-segwenti:*

"Attached you will find the latest changes from the MOT, your software should be updated to calculate the imbalance according to these changes.

In the old software the imbalance is calculated as the maximum difference over the measured data up to the maximum brake value. In the new software the imbalance is the difference on the maximum brake value, this method is used in almost all other countries as well.

The old calculation of the imbalance in the MOT has led to a lot of misunderstanding, because the imbalance value was different on every test. This seems to be the cause in your issue as well, this has nothing to do with safety, it is just a shortcoming in the old way of imbalance calculation."

*Minkejja li r-rikorrent ġie dirett biex jagħmel* upgrade *tas-sistema, lil dan it-Tribunal ma jirriżultalux li dan sar u r-rikorrent baqa' jsostni sal-aħħar illi dak li qiegħed jagħmel huwa korrett u dan meta l-istess kumpannija li fornietlu l-apparat indikatlu l-problemi li s-*software *l-antik kien qiegħed jiġġenera. Tajbin kemm huma tajbin il-kalkolazzjonijiet tar-rikorrent, ir-riżultat għandu jkun wieħed li joħroġ mis-sistema la darba dan hu possibbli.*

*Għaldaqstant f'dan ir-rigward l-Awtorità intimata kellha raġun tieħu d-deċiżjoni li ħadet.*

***It-tieni kwistjoni*** *li se tiġi eżaminata huwa jekk l-Awtorità intimata kinitx ġusta fid-deċiżjoni tagħha meta imponiet punti ta' penalità u l-konsegwenti multa amministrattiva għaliex il-*VRT station *kienet maħmuġa u ta' perikolu. Illi mir-ritratti esebiti mill-Awtorità intimata jirriżulta ampjament ċar illi l-ambjent fejn qed isiru t-testijiet huwa wieħed ingombrat b'oġġetti li għalkemm mhux daqstant ta' perikolu*

*għan-nies in ġenerali, huwa ta' perikolu għar-rikorrent u jimpeduh milli jaħdem kif suppost u dan għaliex wieħed mill-ġnub u wara tat-*test lane *huma għal kollox mimlija b'affarijiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-ittestjar tal-vetturi.*

*Illi dwar it-**tielet infrazzjoni,** u ċioe li r-rikorrent ma kellux assistent fil-ġurnata li saret l-ispezzjoni, din ġiet ammessa u għalhekk m'hemmx lok li dan it-Tribunal jiddelunga dwar l-istess.*

*Illi għalhekk in-nuqqasijiet fir-rigward tat-test tal-*brakes *jagħti lok għal infrazzjoni kemm bħala* tester *u kemm bħala operatur għaliex ir-rikorrent ma għamilx it-test komplut kif suppost kellu jsir. Ma kien hemm l-ebda skuża raġonevoli għala dan ma sarx. Kull ma kellu jsir huwa* update *tas-*software *però r-rikorrent injora dan l-appell li sarlu mill-fornitur u baqa' jinsisti li xorta seta' jibqa' jaħdem kif kien qiegħed jaħdem, u ċioe li jagħmel il-kalkolazzjonijiet hu. Jekk ir-riżultat kienx tajjeb jew le huwa irrelevanti. Jekk għandek apparat li jagħmel it-test ir-rikorrent kellu jara li dan qiegħed jaħdem kif suppost u f'każ biss ta' emerġenza li jgħaddi biex jagħmel il-kalkolazzjonijiet mod ieħor. Minflok għamel dan, ir-rikorrent għamel il-kalkolazzjonijiet in-norma u mhux l-eċċezzjoni.*

*Għaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jista' jiċċensura mid-deċiżjoni appellata."*

## <u>L-Appell</u>

6. Ir-rikorrent ippreżenta l-appell tiegħu fid-19 ta' Ġunju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex -

*"... tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità appellata nhar il-15 ta' Settembru 2017, kif ukoll is-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet premessi tat-30 ta' Mejju 2019, u minflok tilqa' l-aggravji tar-rikorrent appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Awtorità appellata."*

7. L-appellant jgħid li huwa jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex skont hu mhux minnu li huwa kiser xi regoli kif intqal fid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata, u lanqas mhu minnu li huwa ħareġ riżultat ta' *pass* meta r-riżultat kellu jkun *fail.* L-appellant sostna wkoll li t-Tribunal kellu jillimita ruħu għat-tliet infrazzjonijiet li ġibdet l-attenzjoni dwarhom l-Awtorità appellata, jiġifieri l-kwistjoni tar-riżultat tal-brejkijiet, il-kwistjoni tal-imbarazz u l-oġġetti li kien hemm fil-garaxx, u l-kwistjoni dwar il-fatt li dakinhar li saret l-ispezzjoni għal għarrieda, l-appellant ma kellux l-assistenza ta' *assistant tester* fil-garaxx. L-appellant qal ukoll li huwa ammetta għal din it-tielet akkuża, u għalhekk it-Tribunal kellu jillimita ruħu għall-kwistjonijiet marbuta mal-ewwel żewġ infrazzjonijiet misjuba.

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

8. Fir-risposta tal-appell tagħha, l-Awtorità appellata wieġbet li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal fit-30 ta' Mejju, 2019, hija waħda ġusta u timmerita konferma, u għalhekk l-appell interpost mill-appellant huwa bla bażi u għandu jiġi miċħud. L-appellata qalet li minkejja li l-appellant fl-aggravji mressqa minnu, għal darba oħra rreġistra l-ammissjoni tiegħu li huwa kien qiegħed jaħdem mingħajr l-assistenza ta' *assistant tester,* fit-talbiet tiegħu quddiem din il-Qorti, l-appellant xorta waħda talab li s-sentenza mogħtija mit-Tribunal tiġi revokata fl-intier tagħha u dan minkejja li kien huwa stess li rreġistra ammissjoni dwar dan il-kap tad-deċiżjoni appellata.

B'riferiment għall-aggravji sollevati mill-appellant, l-Awtorità appellata tgħid li l-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal huma korretti u ineċċepibbli. Minkejja li l-appellant argumenta li ma kienx hemm il-ħtieġa li fir-riżultat jagħti ċerti valuri, il-manwali li huma parti mil-liġi u li l-appellant kellu jsegwi fix-xogħol tiegħu, jesiġu mod ieħor. Dawn il-manwali jispeċifikaw ukoll li l-kalkoli kif stipulati fl-imsemmi manwali għandhom jiġu applikati meta l-apparat ma jkunx qiegħed jaħdem, jiġifieri f'ċirkostanzi eċċezzjonali. L-Awtorità appellata wieġbet ukoll li l-komputazzjoni matematika li jsemmu l-manwali, mhijiex maħsuba biex tintuża bħala norma, jew biex wieħed jagħmel xhur sħaħ bl-apparat li suppost jaħdem bih ma jaħdimx u minflok japplika l-formula matematika sabiex jagħti r-riżultat. L-Awtorità appellata eċċepiet li mill-provi rriżulta li l-apparat li kien qiegħed jaħdem bih l-appellant ma kienx jaħdem kif suppost, għaliex kien jeħtieġ li jiġi aġġornat, u ladarba dan l-apparat ma kienx qiegħed jaħdem kif suppost, jirriżulta li l-appellant bħala *tester* aġixxa bi ksur tar-Regolamenti 14(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma tajba għat-Triq) li jipprovdu li l-persuna li tittestja għandha tissodisfa lill-Awtorità li qiegħda tagħmel użu minn faċilitajiet u tagħmir skont il-ħtiġijiet preskritti, u li konsegwenza ta' hekk l-appellant irrenda ruħu ħati ta' ksur tal-Partita 17 tat-Tnax-il Skeda, għaliex il-brejkijiet tal-vetturi inkwistjoni ma setgħux jiġu ttestjati kif suppost ladarba l-apparat li kien qiegħed jintuża ma kienx qiegħed jiffunzjona kif suppost. L-Awtorità appellata żiedet tgħid li lilha rriżultalha li l-appellant, bħala *operator* aġixxa ukoll bi ksur tal-paragrafi (a), (h), (j) u (r) tar-Regolament 10(1) tal-

Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 meta ppermetta li t-*tester,* f'dan il-każ huwa stess, jaħdem b'apparat li ma kienx qiegħed jiffunzjona kif suppost.

L-appellata żiedet tgħid li meta wieħed jevalwa l-aggravji kollha mressqa mill-appellant, wieħed jasal għall-konklużjoni li dan qiegħed iressaq aggravju waħdieni, li huwa n-nuqqas ta' apprezzament korrett tal-provi li t-Tribunal kellu quddiemu. L-appellata qalet li f'dan il-każ ma jeżistux raġunijiet eċċezzjonali li jagħtu lok biex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li saru mit-Tribunal, u legalment u raġonevolment it-Tribunal ma setax jasal għal konklużjoni differenti minn dik li wasal għaliha. B'riferiment għall-istat tal-*VRT station,* l-appellata qalet li r-ritratti esebiti minnha huma prova suffiċjenti tal-istat li l-appellant kien iħalli l-*VRT station* fih, u t-tħollija ta' dan l-imbarazz fl-inħawi fejn l-appellant ried jaħdem ukoll, sar bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, u għalhekk japplikaw il-penali maħsuba f'Partita 3 tat-Tnax-il Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15. L-appellata kkonkludiet billi qalet li minkejja li l-oġġetti li l-appellant kellu fil-garaxx setgħu ma kinux ta' periklu għan-nies in ġenerali, madanakollu dawn ċertament li huma ta' periklu għalih għax jimpeduh milli jaħdem kif suppost, u t-tħollija ta' dawn l-oġġetti fil-garaxx saret bi ksur tal-i*standards* stipulati fil-manwali applikabbli. In vista ta' dawn l-ispjegazzjonijiet, l-Awtorità appellata qalet li d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal hija korretta u għandha tiġi kkonfermata fl-intier tagħha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fl-appell tiegħu quddiem din il-Qorti, flimkien mar-risposta tal-Awtorità appellata, u dan fl-isfond tad-deċiżjoni li wasal għaliha t-Tribunal.

*L-ewwel aggravju: dwar il-kwistjoni tar-riżultat tat-test tal-brejkijiet*

10. L-appellant spjega li sabiex wieħed jifhem x'kienet il-kwistjoni marbuta mar-riżultat tat-test l-brejkijiet, trid tingħata spjega ta' x'inhu *brake imbalance,* li l-appellant jgħid li huwa l-kejl ta' kemm vettura tiddevja lejn ix-xellug jew lejn il-lemin meta jingħafas il-*brake.* L-appellant spjega wkoll li s-sistema li jaħdem biha hu toħroġ dak li jgħidulu *summarized report* kif ukoll *detailed report,* u qal li d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità appellata fil-konfront tiegħu kienet tikkonċerna l-kwistjoni tal-*brake imbalance* ta' vettura li sarilha *retest* f'temp ta' ftit minuti. L-appellant spjega li sabiex vettura tgħaddi mit-*test,* il-*brake imbalance* ma jridx jeċċedi t-30%. Qal li f'dan il-każ, dak li ġara huwa li fis-*summarized report* tniżżel li l-*brake imbalance* fuq din il-vettura kien ta' 30%, iżda fid-*detailed report* jirriżulta li dan kellu jkun ta' 1%. L-appellant kompla jgħid li fir-*retest* li sar, fis-*summarized report* il-*brake imbalance* ġie indikat bħala 45%, iżda fid-*detailed report* irriżulta li dan kien ta' 5%. L-appellant sostna li għalhekk fiż-żewġ każijiet il-vettura li ġiet *retested* kienet għaddiet mit-*test,* għaliex sabiex vettura tgħaddi mit-test il-limitu tal-*brake imbalance* ma jridx jeċċedi t-30%*,* u anki f'każ li l-interpretazzjoni tas-

*summarized report* ma kinitx korretta, din waħedha ma tikkostitwix ir-riżultat kollu. L-appellant spjega li huwa għamel kalkolu biss sabiex jikkonferma r-riżultat tad-*detailed report,* u mhux biex joħroġ b'xi ċifra hu. Kompla jgħid li għalhekk ma jistax jingħad li huwa aġixxa kontra l-liġi kif ġie allegat mill-Awtorità appellata.

L-appellant spjega wkoll li l-*brake efficiency* huwa kalkolu ta' kemm vettura għandha l-brejkijiet tajbin, u żied jgħid li sabiex jiġi stabbilit li vettura għandha brejkijiet tajbin u li din qiegħda fit-triq b'konformità mal-liġi, l-effiċjenza tal-brejkijiet trid taqbeż il-50%. L-appellat żied jgħid li minkejja li l-kalkolu tal-*brake efficiency* mhux indikat fis-*summarized report,* madanakollu fid-*detailed report* hemm imniżżel b'mod ċar li l-*brake efficiency* tal-vettura huwa ta' 50% f'każ li l-piż tal-vettura ma jeċċedix l-2820 kg. Żied jgħid li vettura tat-tip Renault Megane żgur li m'għandhiex dak il-piż. L-appellant żied jgħid li ladarba l-piż tal-vettura inkwistjoni ma jeċċedix l-2000 kg, l-effiċjenza kkalkolata hija suffiċjenti u skont il-liġi, u qal li ladarba l-piż tal-vettura inkwistjoni huwa ferm inqas minn hekk, l-effiċjenza tal-brejkijiet tagħha fir-realtà hija ogħla minn 50%. L-appellant qal li huwa jaqbel mal-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal li l-komputazzjoni matematika għandha ssir biss f'każ li l-apparat ma jkunx qiegħed jaħdem kif suppost, u f'dan il-każ huwa għamel użu mill-formula matematika sabiex iqabbel ir-riżultati ma' dawk tad-*detailed report,* u kkonferma li r-riżultat maħruġ huwa korrett. L-appellant saħaq li fil-kapaċità tiegħu bħala *tester* kif ukoll bħala operatur, huwa għamel dak li kien mistenni minnu, u assigura li l-fatturi li kellhom jiġu ttestjati kienu konformi mal-

kundizzjonijiet u l-i*standards* stabbiliti taħt ir-regolamenti tal-leġislazzjoni sussidjarja 65.15 (Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma tajba għat-Triq). Kompla jgħid li minn dan isegwi li huwa ma kiser l-ebda Partita ta' xi skeda tal-liġi, u li huwa ma injora l-ebda difett u ma naqasx milli jittestja l-brejkijiet primarji, u għalhekk kien korrett meta ħareġ riżultat ta' *'pass'* fir-rigward tal-vettura inkwistjoni. L-appellant saħaq li minkejja li rriżulta li s-sistema li kien qiegħed jaħdem biha, tat interpretazzjoni skorretta tar-riżultat, dan ma jfissirx li hu ta *pass* fejn vettura kellha teħel mit-test.

11. B'riferiment għall-kundizzjoni tal-*VRT station tiegħu,* l-appellant qal li minkejja li huwa minnu li dakinhar li saret l-ispezzjoni kien hemm xi oġġetti fil-garaxx li ma kellhomx jitħallew hemmhekk, il-garaxx tiegħu huwa pjuttost imdaqqas, u ma kien hemm l-ebda periklu li seta' jweġġa' xi ħadd, għaliex il-klijenti tiegħu jistennew f'*waiting area* maħsuba għalhekk u ma jibqgħux fil-garaxx. L-appellant qal li huwa bniedem tas-sengħa, li żgur li mhux ser iħalli xi ħaġa ta' żgombru tfixklu f'xogħlu.

12. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li l-appellant kien ilu diversi xhur jaf li s-sistema li kien qiegħed jaħdem biha ma kinitx tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-manwali li kull operatur tal-*VRT stations* irid jimxi magħhom. Minkejja dan l-appellant m'għamel xejn la biex jaġġorna s-sistema u lanqas biex jirranġa s-sitwazzjoni. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli temmen kif f'temp ta' ftit minuti biss, sistema li qiegħda tiffunzjona kif suppost tagħti qari li jvarja bi ħmistax-il perċentwal (15%) mill-qari ta' qabel, u kif din id-diskrepanza rriżultat

kemm fis-*summarized report* kif ukoll fid-*detailed report* li nħareġ. Il-fatt li l-appellant jgħid li d-*detailed report* ukoll ħareġ b'diverġenzi bejn ir-riżultati tal-ewwel test, u r-riżultati tat-tieni test, jindika li t-tagħmir li kien qiegħed jintuża mill-appellant kien difettuż. Għaliex ma jistax ikun li vettura li lanqas biss ħarġet fit-triq wara li ġiet ittestjata fil-garaxx tiegħu, tagħti riżultati li jvarjaw daqstant f'temp ta' ftit minuti. Jirriżulta wkoll li l-manwal li jirregola x-xogħol ta' *VRT tester* jitlob li jkun hemm l-*inputting* ta' ċerti valuri fis-sistema, xi ħaġa li l-appellant għażel li ma jagħmilx, bir-riżultat li l-*braking efficiency* li għamel riferiment għaliha l-appellant żgur li ma ġietx ittestjata kif suppost. It-testijiet tal-VRT huma maħsuba u mfassla biex jagħtu stampa dettaljata u kważi xjentifika dwar jekk vettura hijiex tajba biex tibqa' tinstaq fit-triq jew le. Il-manwal li kull operatur irid jaħdem bih, ma ġiex imfassal u approvat biex l-operatur ikun hu li jiddeċiedi jekk l-*inputting* ta' ċerti valuri huwiex meħtieġ jew jistax jiġi eliminat, jew biex wieħed jislet il-konklużjonijiet tiegħu minn suppożizzjonijiet u formuli li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawk stabbiliti mir-regolatur, kif jirriżulta li għamel l-appellant fil-każ odjern. Anki l-formula matematika li l-appellant jgħid li ntużat minnu sempliċiment sabiex jivverifika li r-rapport maħruġ mis-*software* tas-sistema tiegħu kien korrett, mhijiex formula li għandha tintuża sabiex *tester* jaħdem biha abitwalment, iżda hija maħsuba biex tintuża biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Hawnhekk kienet korretta l-Awtorità appellata meta qalet li żgur li l-ħsieb wara l-introduzzjoni ta' din il-formula ma kienx biex wieħed jagħmel xhur sħaħ bl-apparat ma jaħdimx, iżda biex din tintuża biss f'ċirkostanzi fejn wieħed ma jkunx jista' jagħmel mod

ieħor. Il-Qorti tqis ukoll li l-Awtorità appellata kienet korretta meta imponiet fuq l-appellant penali minħabba l-ksur tar-Regolament 14(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, li jistipula li *tester* għandu jagħmel użu minn faċilitajiet u tagħmir skont il-ħtiġijiet preskritti, u anki minħabba l-ksur tar-Regolament 10(1) tal-istess liġi, li jgħid li l-ebda operatur jew *tester* m'għandu jaħdem b'apparat li mhux jiffunzjona kif suppost. L-Awtorità appellata, regolatur f'dan il-qasam, ħadet id-deċiżjoni li tippenalizza lill-appellant għaliex dan instab li qiegħed jopera bi ksur tar-regoli stabbiliti. Tqis għalhekk li dan l-ewwel aggravju tal-appellant, li huwa marbut mal-metodoloġija użata u mal-mod kif l-appellant għażel li jaħdem, mhuwiex mistħoqq u għalhekk qiegħda tiċħdu.

*It-tieni aggravju: dwar is-sistemi tal-VRT stations*

13. L-appellant qal li fil-preżent il-*VRT stations* joperaw b'żewġ sistemi, dik tas-*software* ipprovdut minn Arex, u sistema oħra li permezz tagħha jintbagħat riżultat ta' *pass* jew *fail* lill-Awtorità appellata. L-appellant qal li m'hemmx regoli dwar kif għandu joħroġ ir-riżultat li mis-sistema tal-*equipment* jgħid x'valuri għandhom jingħataw, jew *standard result* kif għandu jkun. B'riferiment għall-konklużjoni tat-Tribunal li fis-*summarized report* kien hemm valuri li tħallew barra, l-appellant qal li l-liġi ma tispeċifikax liema valuri jridu jimtlew, u li għalhekk in-nuqqas tiegħu li jagħti ċerti dettalji ma kellux jiġi penalizzat, in linea mal-prinċipju ta' *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit.* L-appellant qal ukoll li t-Tribunal, fil-konklużjonijiet tiegħu skarta x-xhieda mogħtija minn David Gatt, *technician* mal-Arex, li kien xehed li s-sistema tal-appellant kienet

qiegħda taħdem b'mod korrett u kif suppost, u per konsegwenza l-appellant seta' jibqa' jaħdem biha. L-appellant għamel riferiment għall-artikolu 14(2)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, li jgħid li min jagħmel it-testijiet tal-vetturi jrid jaħdem skont il-ħtiġijiet preskritti mill-Awtorità appellata[4], u dan meta fil-mori tal-proċeduri quddiem it-Tribunal qatt ma ġie speċifikat dawn il-ħtiġijiet preskritti x'inhuma u minn fejn jirriżultaw. L-appellant żied jgħid li huwa min-naħa tiegħu mhux biss mexa mal-manwal, iżda kkorrisponda wkoll mal-aġenti tal-Arex ġewwa l-Olanda sabiex ikun ċert li s-sistema tiegħu qiegħda taħdem tajjeb, u ċaħad li kienet saritlu xi rakkomandazzjoni mill-Arex sabiex jaġġorna s-sistemi li kien jaħdem bihom. L-appellant qal ukoll li wieħed irid jagħmel distinzjoni bejn riżultat li ħareġ ħażin minħabba difett fis-sistema tat-tagħmir installat, u riżultat li ħareġ ħażin għaliex l-appellant ħareġ riżultat li l-vettura għaddiet mit-test meta fil-verità din kienet weħlet.

Il-Qorti tissenjala li d-definizzjoni ta' x'inhuma l-"ħtiġiet preskritti" li l-leġislazzjoni sussidjarja titkellem dwarhom, hija mogħtija fl-Ewwel Skeda tal-istess liġi, u din l-istess liġi tipprovdi d-dettalji kollha li *tester* jew operatur irid jaħdem bihom, inkluż li t-testijiet iridu jsiru b'mod kompjuterizzat. Barra minn hekk l-artikolu 3 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja jispeċifika illi kull vettura li għaliha japplikaw dawn ir-regoli, għandha tiġi mressqa għal test skont dak li jipprovdu dawn ir-regolamenti, u għandu jiġi assigurat li l-ħtiġiet preskritti kif murija fil-manwali kienu mħarsa fid-data tat-test. Il-Qorti tqis li mill-provi

[4] "Il-persuna li tittestja ma tistax tittestja vetturi kemm-il darba l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li l-faċilitajiet u t-tagħmir fl-istazzjon fejn dik il-persuna tkun impjegata jkunu skont il-ħtiġijiet preskritti."

prodotti quddiem it-Tribunal jirriżulta li l-appellant naqas milli jimxi kemm mal-manwal preskritt, kif ukoll mar-rakkomandazzjoni li t-testijiet isiru b'mod kompjuterizzat. Għall-kuntrarju, jirriżulta li l-appellant f'dan il-każ għażel li jħalli barra ċerti valuri bħalma huwa l-piż tal-vettura, u minflok ibbaża r-riżultanzi tiegħu fuq komputazzjoni matematika, kuntrarjament għal dak li huwa preskritt mil-liġi. L-appellant jgħid li huwa kien ingħata l-assigurazzjoni mill-*mother company* fl-Olanda li s-*software* kien qiegħed jaħdem tajjeb, iżda l-Qorti tqis li din il-verżjoni tal-appellant ma tantx hija kredibbli, għaliex li kieku l-appellant kien konvint li s-sistema tiegħu kienet qiegħda taħdem sew, ma kienx ikun hemm il-ħtieġa li huwa jagħmel komputazzjoni matematika wkoll biex skont hu jkun hemm *double checking*. Barra minn hekk jirriżulta li anki f'każ li s-sistema tal-appellant kienet qiegħda tiffunzjona kif suppost, l-appellant xorta waħda pprefera li jelimina l-kalkolu ta' ċerti *variables* li suppost kellu jaħdem bihom u minflok jistrieħ fuq kalkolu li huwa approssimattiv, kif jirriżulta li għamel sabiex wasal għall-*brake efficiency* tal-vettura li ġiet *retested,* jew inkella li jaħdem b'formula matematika minflok bis-sistema kompjuterizzata approvata. Dan kollu jammonta għal ksur tar-regolamenti kif stipulati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15.

*It-tielet aggravju:* *kunflitt fil-provi*

14. L-appellant qal li kien hemm kunflitt fil-provi prodotti mill-partijiet, u li t-Tribunal naqas milli jieħu konjizzjoni ta' dan. L-appellant spjega li filwaqt li huwa kien konsistenti fix-xhieda tiegħu, u waqt il-kontroeżami li sarlu sostna l-

istess fatti li kien xehed dwarhom qabel, ix-xhieda ewlenin prodotti mill-Awtorità appellata taw verżjonijiet konfliġġenti tal-fatti kif ġraw. L-appellant qal li fil-kapaċità tiegħu ta' *tester* huwa ġie akkużat mill-Awtorità appellata li naqas milli jittestja l-brejkijiet primarji tal-vettura u li għadda l-vettura mit-test meta din kellha teħel. Qal li minkejja dan, ix-xhud Joseph Mifsud xehed quddiem it-Tribunal li l-appellata qatt ma allegat li r-riżultat mogħti mill-appellant kien ħażin, iżda qalet biss li t-tagħmir li kellu installat ma kienx qiegħed jiffunzjona sew. L-appellant qal li filwaqt li l-uffiċjal tal-Awtorità appellata, George Farrugia, kien allega li l-appellant kien bagħbas xi riżultat, waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal dan ix-xhud ċaħad li huwa kien għamel allegazzjoni bħal din. In vista ta' dawn id-diskrepanzi, l-appellant qal li x-xhieda mogħtija mill-uffiċjali tal-Awtorità ma tistax titqies bħala kredibbli, u t-Tribunal naqas milli jieħu konsiderazzjoni ta' dan il-kunflitt tal-provi meta wasal għad-deċiżjoni finali tiegħu.

15. Il-Qorti tqis li permezz ta' dan l-aggravju, l-appellant bħal donnu qiegħed jippretendi li din il-Qorti terġa' tagħmel apprezzament tal-provi li ġew evalwati t-Tribunal, għaliex skont l-appellant, filwaqt li hu kien konsistenti u kredibbli fix-xhieda tiegħu, id-depożizzjoni mogħtija miż-żewġ uffiċjali tal-Awtorità appellata, George Farrugia u Joseph Mifsud, ma kinitx kredibbli u f'waqtiet kienet inkonsistenti ma' depożizzjonijiet mogħtija minnhom qabel. Il-Qorti, anki jekk mhux mistenni minnha li tagħmel dan, ikkunsidrat il-provi kollha miġjuba, minn fejn jirriżultaw il-fatti kif deskritti mill-appellant, jiġifieri li wara li huwa għamel *test* tal-VRT fuq vettura Renault Megane bin-numru ta'

reġistrazzjoni SIX 376, din ġiet sottomessa għal *retest* wara ftit minuti, wara spezzjoni għal għarrieda li saret fil-garaxx tiegħu minn uffiċjali tal-Awtorità appellata. Jirriżulta li kien waqt dan ir-*retest* li ġie stabbilit li kien hemm diskrepanza bejn ir-riżultat tal-ewwel *test* li għamel l-appellant fuq il-vettura, u r-riżultat tat-tieni *test* li sar ftit ħin biss wara, u kien hawnhekk li l-uffiċjali tal-Awtorità appellata osservaw li kien hemm nuqqasijiet fl-operat tal-appellant. Dawn in-nuqqasijiet kienu jikkonsistu fil-fatt li l-appellant kien qiegħed jagħmel użu minn apparat li ma jiffunzjonax kif suppost sabiex joħroġ ir-riżultati; l-appellant kien qiegħed jagħmel użu minn formula matematika maħsuba biex tintuża biss eċċezzjonalment u mhux f'kull każ; il-fatt li l-appellant kien qiegħed iħalli imbarazz fil-garaxx li ħoloq ingombru u kienu ta' periklu għalih kif jidher ċar mir-ritratti esebiti; u l-fatt li l-appellant kien qiegħed jaħdem mingħajr assistenza, fattur dan li ġie ammess mill-appellant innifsu. Kienu dawn in-nuqqasijiet li wasslu biex l-Awtorità appellata ħadet id-deċiżjoni li tippenalizza lill-appellant, għaliex dawn in-nuqqasijiet tal-appellant kienu jammontaw għal ksur tar-regolamenti li jirregolaw ix-xogħol li jsir *f'VRT station.*

16. Id-deċiżjoni tal-Awtorità appellata li twaqqaf lill-appellant mill-operat tiegħu ta' *VRT station* u li timponi fuqu piena amministrattiva, hija bbażata fuq il-fatt li lill-appellata rriżultalha li l-appellant kien qiegħed jaħdem b'makkinarju li kien jaf li mhux jiffunzjona kif suppost, u li per konsegwenza kien jaf li r-riżultati li kien qiegħed jissottometti lill-Awtorità appellata kienu riżultati li ma

kinux preċiżi u li ma kinux maħduma kif mistenni minn operatur f'dan il-qasam. Hija din id-deċiżjoni tal-Awtorità li wasslet lill-appellant biex iressaq l-appell tiegħu quddiem it-Tribunal, li min-naħa tiegħu qabel mal-konklużjonijiet milħuqa mill-Awtorità appellata. Il-Qorti ma tara li kien hemm l-ebda konflitt fil-provi miġjuba, u kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-appellant, l-imsemmija tliet infrazzjonijiet misjuba mill-Awtorità appellata ġew ilkoll ippruvati. Il-penali imposti fuq l-appellant, ġew imposti għaliex instab li huwa kien qiegħed jopera bi ksur tar-regolamenti u tal-manwal tal-proċedura stabbilit, liema ksur jista', għalkemm mhux neċessarjament għandu, jwassal għal riżultat li ma jkunx jirrispekkja l-verità, jiġifieri jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn vettura tgħaddi mit-test f'ċirkostanzi fejn li kieku ġew osservati l-proċeduri stabbilti, din kienet teħel.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat u qiegħed jiġi miċħud.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħad l-aggravji kollha mressqa minnu, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**